Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 231/2015/1

**Dr Simon Busuttil (appellat)**

**Vs**

**Josef Caruana (appellant)**

25 ta' Marzu, 2019.

1. B'sentenza tal-25 ta' Gunju, 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ddikjarat li l-artiklu ppubblikat fil-gazzetta L-Orrizont tal-4 ta' Awissu, 2015 bit-titlu 'Affidavits igiddbu lil Simon Busuttil' hu malafamanti u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) bhala danni.

2. B'rikors prezentat fit-13 ta' Lulju, 2018 il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravju hu li l-ewwel qorti kellha tilqa' l-eccezzjonijiet kollha u tiddikjara l-artiklu oggett tal-kawza bhala wiehed, *"... fondat fuq fatti, ahbarijiet u xi osservazzjonijiet – liema artiklu hu mistenni u oltre minn hekk, permess u mehtieg f'socjeta hielsa, u ghaldaqstant ghandu jitqies bhala wiehed li ma hux libelluz"*. Rikors tal-appell li hu identiku ghal dak tal-kawzi 228/2015 u 227/2015 fl-istess ismijiet, decizi llum.

3. Fl-artiklu oggett ta' din il-kawza, it-titlu jaqra: *"Affidavits Igiddbu lil Simon Busuttil"*, bil-caption *"Wara l-istqarrija u erba' libelli mill-PN, Joe Gaffarena u ibnu Mark jiehdu gurament li kien Joe Cassar li talabhom imorru 'bil-karti' jiltaqghu mal-Vici Kap fid-Dar Centrali ... jikkonfermaw li dak li ntalbu mill-PN kien jitratta l-kaz tad-Daewoo"*. Fl-ewwel faccata hemm ritratt ta' Dr Joseph Cassar bil-caption, *"Joe Cassar, dak iz-zmien il-Ministru tas-Sahha, kien il-percimes biex cempel lil Gaffarena u qallu jmur id-Dar Centrali 'bil-karti', kif irraportat fit-TORCA l-Hadd"*. Hemm ukoll stampat il-faccata tal-artiklu pubblikat fit-Torca tat-2 ta' Awwissu, 2015 u meritu tal-appell 227/2015/1 deciz illum.

4. Fl-artiklu hemm stampat l-affidavit li ghamel Joseph Gaffarena fit-3 ta' Awissu, 2015, rappurtagg dwar x'qal Gaffarena fl-affidavit u tissemma wkoll l-istqarrija pubblika li kien ghamel l-attur.

5. Mill-ewwel faccata tal-gazzetta L-Orrizont tal-4 ta' Awissu, 2015 il-qarrej inghata x'jifhem li:

i. L-attur kien gideb, tant hu hekk li t-titlu jghid *"Affidavits **Igiddbu** lil Simon Busuttil"*. L-uzu tal-kelma 'Igiddbu' jinsinwaw lill-qarrej li l-verzjoni l-vera kienet dik li taw Gaffarena.

ii. Tant dan hu minnu li f'*caption* taht ir-ritratt ta' Dr Joseph Cassar, gie stampat il-kliem, *"Joe Cassar, dak iz-zmien il-Ministru ta-Sahha, kien il-percimes biex cempel lil Gaffarena u qallu jmur id-Dar Centrali 'bil-karti', kif irraportat fit-TORCA l-Hadd"*.

6. Dawk huma kollha *statements of fact* li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-attur. Il-posizzjoni li kompliet tiehu l-gazzetta fl-artiklu oggett tal-kawza, wara l-artiklu tal-gurnata ta' qabel, kien li l-laqgha bejn l-attur u Gaffarena kienet saret fuq talba tal-attur, u li jekk Gaffarena ried li jiftah il-pompa ghan-negozju kellu jaghti lill-attur dokumenti dwar il-kaz tad-Daewoo bil-ghan li jinkolpa lil John Dalli.

7. A skans ta' ripetizzjoni l-qorti qeghda tapplika *mutatis mutandis* dak kollu li qalet fis-sentenzi 227/2015/1 u 228/2015/1 fl-istess ismijiet decizi llum u tiddikjara li m'ghandha xejn x'izzid.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

Anthony Ellul.